REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/161

tal-31 ta' Jannar 2017

li jikkoreġi l-verżjoni bl-ilsien Franċiż tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(5) tiegħu,

Billi:

(1) Kien hemm żbalji fil-verżjoni bl-ilsien Franċiż tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 [2] li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi. Għalhekk hija meħtieġa korrezzjoni tal-verżjoni bl-ilsien Franċiż tal-Annessi II u IV ta' dak ir-Regolament. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma jintlaqtux.

(2) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 għandu jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Jikkonċerna biss il-verżjoni bl-ilsien Franċiż).

[1] ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER